MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 1433/2000/1

**Patchery Shipping Limited**

**v.**

**Nader Bassily f'ismu proprju u ghan-nom**
**u in rapprezentanza tas-socjeta` Power Centre Ltd.**

**Il-Qorti:**

**<u>I. IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

1. Dan hu appell maghmul mis-socjeta` konvenuta Power Centre Ltd. minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta’ Frar 2004, li taqra hekk:
“**Il-Qorti.**

“**Preliminari**

“Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi f’April tas-sena 2000, is-socjeta` attrici kienet inkarigat lill-konvenut pro et noe, sabiex iwettaq xoghlijiet ta’ riparazzjoni fuq opera tal-bahar tal-marka Cobalt Cruiser 28, di proprjeta` taghha, liema dghajsa kienet tinsab mizmuma gewwa l-A & J Baldacchino *Boat Yard* Manoel Island, Gzira;

“Premess illi s-socjeta` attrici avvanzat favur il-konvenut pro et noe l-ammont ta’ mija u tmenin lira Maltin (Lm180.00) rapprezentanti d-depozitu akkont tal-prezz totali mitlub ghax-xoghlijiet inkarigati mill-istess konvenut pro et noe, skond kif jidher mill-*invoice* relattiva, li kopja taghha qed tigi annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. A ;

“Premess illi l-konvenut naqas milli jwettaq ix-xoghlijiet ta’ riparazzjoni kollha skond l-inkarigu lilu moghti mis-socjeta` attrici;

“Premess illi x-xoghlijiet li gew effettivament ezegwiti mill-konvenut pro et noe abbazi ta’ tali ftehim u inkarigu, gew ezegwiti hazin u mhux skond l-arti u s-sengha;

“Prem
ess illi ghalhekk is-socjeta` attrici hallset ammonti zejda u mhux dovuti;

“Premess illi inoltre, fil-kors ta’ l-ezekuzzjoni ta’ tali xoghlijiet da parti tal-konvenut pro et noe, u waqt illi l-opera tal-bahar relattiva kienet tinsab fil-pussess u kontroll effettiv ta’ l-istess konvenut pro et noe, f’xi zmien bejn il-21 u l-24 ta’ April, 2000, gew nieqsa numru ta’ accessorji u apparat mill-imsemmija opra tal-bahar, skond kif jidher mir-rapport relattiv, li kopja tieghu hi hawn annessa u

esebita u mmarkata bhala Dok. B, u dan bhala konsegwenza diretta tan-negligenza grossolana da parti tal-konvenut pro et noe;

“Premess illi nonostante li gie interpellat sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mis-socjeta` attrici, il-konvenut pro et noe baqa’ in adempjenti;

“Ghaldaqstant is-socjeta` attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

“1. Tiddikjara illi l-konvenut pro et noe naqas milli jadempixxi l-obbligi kuntrattwali tieghu skond il-ftehim bejn il-partijiet, billi ma effettwax ix-xoghlijiet kollha necessarji u wkoll ghamel xoghol hazin u mhux skond l-arti u s-sengha fuq l-opra tal-bahar tal-marka Cobalt *Cabin Cruiser* 28, di proprjeta` tas-socjeta` attrici, kif fuq premess;

“2. Tikkundanna lill-konvenut pro et noe sabiex jirrimborsa l-ammonti kollha lilu mhallsa mis-socjeta` attrici in konnessjoni ma’ l-inkarigu lilu moghti;

“3. Tiddikjara inoltre lill-konvenut pro et noe responsabbli ghall-agir illi wassal ghas-serq ta’ diversi parts u accessorji minn fuq l-opra tal-bahar tal-marka Cobalt *Cabin Cruiser* 28, di proprjeta` tas-socjeta` attrici, kif fuq premess;

“4. Tiddikjara lill-konvenut pro et noe unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta` attrici bhala rizultat ta’ l-inadempjenza kuntrattwali u l-agir grossolanament kolpuz ta’ l-istess konvenut pro et noe;

“5. Tillikwida d-danni hekk sofferti mis-socjeta` attrici, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;

“6. Tikkundanna lill-konvenut pro et noe ihallas lis-socjeta` attrici tali danni hekk likwidati.

“Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Mandati Kawtelatorji li qed jigu pprezentanti kontestwalment ma’ dan l-att u interessi legali.

“Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol. 3 tal-process;

“Rat i**n-nota ta’ l-eccezzjonijiet** ta’ Nader Bassily pro et noe a fol. 13 tal-process fejn eccepixxa:

“1. Illi t-talbiet kollha attrici, in kwantu diretti kontra l-konvenut Nader Bassily personalment, huma kollha insostenibbli, peress illi s-socjeta` attrici qatt ma kkuntrattat mal-konvenut Nader Bassily personalment.

“2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-tieni u r-raba domanda ma kienux mehtiega, billi kellhom jigu nkorporati fl-ewwel u t-tielet domanda.

“3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, mhux minnu li l-eccipjent jew xi hadd minnhom, naqsu milli jwettqu x-xoghlijiet ta’ riparazzjoni skond il-kuntratt bejn il-partijiet, u anqas li ezegwew ix-xoghol hazin jew ircevew xi ammonti zejda, izda ghall-kuntrarju, ix-xoghol li lahaq sar kien skond is-sengha u kienet is-socjeta` attrici li waqfet lis-socjeta` eccipjenti mill-inkarigu, li konsegwentement sofriet danni minhabba t-terminazzjoni prematura u ingustifikata tal-kuntratt da parti tas-socjeta` attrici, ghal liema danni minn issa qed issir riserva, ghal kull fini effett tal-ligi.

“4. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, l-opra tal-bahar imsemmija fic-citazzjoni, qatt ma kienet fil-pussess jew kontroll effettiv tal-eccipjenti, kif tippretendi s-socjeta` attrici, u kwindi l-eccipjenti m’ghandhom ebda responsabilita ghas-serq allegat mis-socjeta` attrici, u anqas ghal kull dannu konsegwenzjali.

“5. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, l-eccipjenti jichdu li qatt kien hemm xi forma ta’ negligenza da parti ta’ xi hadd minnhom, waqt l-esekuzzjoni tax-xoghol taghhom, liema xoghol huma esegwew bl-akbar attenzjoni, skond is-sengha w l-arti, u fil-limiti tal-possibbli hadu kura ta’ kollox sa fejn huma kienu responsabbli ghal dan. Kwindi m’ghandhomx jirrispondu ghal ebda danni reklamati mis-socjeta` attrici

fir-rigward ta’ l-allegat serq, u kwalunkwe danni ohra li johorgu mill-imsemmi kuntratt.

“Salvi eccezzjonijiet ohra.

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

“Semghet ix-xhieda bil-gurament;

“Rat in-noti tal-partijiet;

“**KONTESTAZZJONI**

“L-atturi qed jitolbu li l-konvenuti jirritornaw l-ammonti kollha mhallsa lilhom in konnessjoni ma l-inkarigu li tawhom biex isir xoghol ta’ riparazzjoni fuq il-lanca ta’ l-atturi u jhallsu wkoll id-danni konsegwenzjali minnhom sofferti. Huma qed jallegaw li l-konvenuti naqsu li jwettqu x-xogholijiet ta’ riparazzjoni kollha inkarigati u li x-xogholijiet li gew esegwiti mill-konvenuti ma kienux skond l-arti u s-sengha. Inoltre fil-kors ta’ l-esekuzzjoni ta’ dawn ix-xogholijiet, waqt li l-lanca kienet fil-pussess tal-konvenuti nsterqu numru ta’ accessorji u apparat mill-imsemmija lanca u dana bhala konsegwenza ta’ negligenza grossolana tal-konvenuti.

“Il-konvenut qed jeccepixxi li:

- “personalment huwa mhux responsabbli;
- “li x-xoghol li lahaq sar kien skond is-sengha u kienet is-socjeta` attrici li waqfet lis-socjeta` konvenuta mill-inkarigu;
- “li l-lanca qatt ma kienet fil-pussess jew kontroll effettiv tal-konvenuti, u ghalhekk huma m’ghandhom ebda responsabbilita` ghas-serq allegat mis-socjeta` attrici, u anqas ghad-danni konsegwenzjali.

“**FATTI**

"Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-konvenuti kienu gew imqabbda mill-atturi biex jaghmlu xoghol li jsir stagonalment fuq boats. Il-konvenut Nader Bassily kien zarma xi *parts* mill-makna ta' dina l-lanca u hallihom zarmati fl-art vicin l-istess lanca u meta mar biex ikompli x-xoghol sab li dawn insterqu. Il-lanca ta' l-atturi kienet mizmuma gewwa l-yard ta' Baldacchino, f'Manoel Island.

"**Pussess u kontroll effettiv tal-lanca**

"Il-konvenut qed jissottometti, u ghamel enfazi kbira fin-nota tieghu, li hu ma kellu ebda responsabbilita` ghall-*parts* ghax dawn la kienu hwejjgu, la kienu fl-istabbiliment tieghu, u lanqas hadhom in konsenja.

"Mill-provi prodotti jirrizulta li l-lanca kienet ghand Baldacchino Boatyard ghax-xitwa, u l-konvenuti kienu gew imqabbda mill-atturi biex jaghmlu xi xoghol fuqha. Ghalhekk l-atturi kienu infurmaw lill Baldacchino li l-konvenut kellu jmur jahdem fuq il-lanca. It-Tnejn, il-konvenut mar u jidher li wara li nghata c-cwievet minn Baldacchino hu beda jahdem fuqha. Il-konvenut jghid li hu hadem it-Tnejn u l-Gimgha kellu jkompli fuqha. Izda meta fetah z-Z drives sab li kien hemm xoghol aktar x'jsir minn semplici *service* kif kien intalab li jaghmel u ghalhekk ried ikellem lil Farrugia, li kien jiehu hsieb il-*boat*, biex jghidlu x'sab, qabel ma jkompli.

"Jigifieri li ghalkemm il-lanca kienet qed tinzamm il-*boatyard* kien hemm perjodu meta l-lanca giet f'idejn u fil-kontroll shih u effettiv tal-konvenut u dana meta beda jahdem fuqha u zarma l-*parts*. Ghalhekk f'dak il-perjodu, meta hu kien qed jahdem fuq il-lanca, ir-responsabilita' ghal lanca ghaddiet f'idejh u mhux aktar fuq Baldacchino jew l-atturi.

"Ghalhekk l-eccezzjoni f'dan is-sens ma tistax tintlaqa'.

"**Xoghol tajjeb u li kienu l-atturi li waqqfu lill-konvenuti.**

“Il-konvenut noe qed jeccepixxi li huma ma naqsux milli jwettqu x-xoghlijiet ta’ riparazzjoni skond il-kuntratt bejn il-partijiet, u lanqas li ezegwew ix-xoghol hazin jew ircevew xi ammonti zejda, izda ghall-kuntrarju, ix-xoghol li lahaq sar kien skond is-sengha u kienet is-socjeta` attrici li waqfet lis-socjeta` eccipjenti mill-inkarigu.

“Il-konvenut xehed li meta qala z-*Z drives* sab li kien hemm bzonn ta' aktar xoghol u spare parts u mhux semplicement *service*. Ghalhekk cempel lil John Farrugia biex jghidlu dwar dak li kellu jaghmel izda ma sabux. Iddecieda ghalhekk li jlesti li jista’ imbaghad jiehu z-*Z drives* l-*workshop* tieghu sakemm jikkuntattja lil Farrugia. Sadanittant gie sid il-lanca u hu pprova jispjegalu x'kien hemm bzonn isir. Peress illi hu ma jifhimx bit-Taljan u s-sid ma jifhimx bl-Ingliz dan beda jaghmillu sinjali b'rasu u b'idu u tah x'jifhem li ser icempel lil Farrugia sabiex ikunu jistghu jiftehemu. Hu mar l-ufficcju tal-*boatyard* izda rega’ gie lura u qal lis-sid li ma qabadx ma’ Farrugia. Hu qal lis-sid li ser jiehu z-*Z drives* il-*workshop* izda dan qallu biex jitlaq kollox fejn kien u ma jmiss xejn sakemm jitkellmu ma’ Farrugia. Fil-presenza tieghu hu pogga z-*Z drives* taht il-lanca sabiex ma jhallihomx fin-nofs, gabar l-ghodda tieghu, sellimlu u telaq l-hemm. Meta telaq minn hdejn il-*boat* is-sid kien ghadu hemm hdejh, u ma qallu xejn aktar dwar il-parts. Il-konvenut isostni li kienet responsabbilita` tas-sid li jiehu hsieb il-*boat* u z-*Z drives* wara li qallu biex jieqaf. Dan kien ordnalu biex jaghmel hekk b'sinjali bl-idejn u ftit kliem.

“Confalonieri ma qabilx ma’ dina l-verzjoni. Hu xehed li l-Gimgha kien sab lil Bassily il-*boatyard* u kien qed izarma z-Z *Drives* tal-lanca u kien hemm ukoll *parts* ohrajn fl-art madwar il-lanca. Hu pprova jikkomunika ma’ Bassily izda ma tantx setghu jifhmu lil xulxin. Ghalhekk telaq u kkuntattja lil John Farrugia u qallu biex jinzel fuq il-post biex ikellem lil Bassily dwar xi xoghol jew *parts* li kienet tinhtieg il-lanca.

“It-Tlieta hu gie imsejjah biex imur il-*boatyard* wara li nfurmawh li kienu naqsu xi affarijiet mill-*boat*. Fuq il-post Bassily spjegalu li meta mar biex ikompli x-xoghol fuq il-

lanca nhar it-Tlieta, sab illi l-mutur u xi *parts* ohra tal-*boat*, kienu neqsin. Izda meta Confalonieri staqsih ghalfejn kien halla *parts* zarmati mitluqin fl-art minghajr sorveljanza, hu ma tah ebda spjegazzjoni.(fol 37).

"**John Farrugia** xehed li meta kien qabbad lill-konvenuti biex jaghmlu x-xoghol hu kien informa lil Confalonieri li seta' jkun hemm xi problema bil-lingwa billi Bassily ma kienx jaf bit-Taljan. Il-Gimgha kien cempillu Confalonieri u qallu biex imur jittawwal ftit ix-xoghol li kien qed isir fuq il-lanca. Confalonieri kien mar Manoel Island u billi ma setghax jifhem dak li qallu Bassily, hu riedu jikkuntattja lil Bassily biex ikellmu dwar xi xoghol iehor li kienet tirrikjedi l-lanca. L-ghada s-Sibt mar Manoel Island izda ma kien hemm hadd mill-Power Centre jahdem fuq il-lanca dak il-hin. Innota pero` li ghalkemm il-mekkanik kien diga` zarma z-*Z drives* tal-lanca, dawn kien hallihom fl-art ghall-apert. Ipprova jikkuntattja lill-Power Centre dwar dan dakinnhar, pero` ma rnexxilux jaqbad lil Bassily. It-Tnejn l-ewwel xoghol fil-ghodu mar ghand Power Centre ghal xi t-8.00 a.m u qalilhom x'kien gara. Ftit wara wasal Bassily u hu qallu biex imur jigbor il-*parts* u jqeghdom f'post *safe*. Bassily qallu li dak il-hin stess kien sejjer il-*boatyard* biex ikompli bix-xoghol fuq il-lanca izda ma kienx mar. Xi d-9.30 jew l-10.00 a.m. mar il-*boatyard* u sab li z-Z *drives* ma kienux fejn kien rahom l-ahhar. Hu telaq minn hemm ghax haseb li kien hadhom Bassily. L-ghada t-Tlieta, Bassily cempillu xi s-2.00pm. u staqsih jekk kienx mess iz-Z *drives* ghax meta mar il-*boatyard* ma sabhomx. Farrugia qallu li ma kien mess xejn.

"**Tikkunsidra**

"Illi mill-provi prodotti jirrizulta li Confalonieri u Bassily mhux qed jaqblu fuq kif graw il-fatti l-Gimgha meta ltaqghu l-*boatyard*. Confalonieri jghid li hu halla lil Bassily fejn il-*boat* u telaq, mentri Bassily qed jghid li Confalonieri kien qallu biex ihalli kollox fuq il-post u ghalhekk telaq u halla lil Confalonieri warajh fil-*boatyard*.

"Sar konfront fil-Qorti bejn il-partijiet u wara li l-Qorti regghet semghethom jixhdu tasal ghall-konkluzjoni li fil-

fatt li gara kien li Bassily kien indika bis-sinjali lil Confalonieri li kien hemm aktar spejjez fil-magna. Bassily mar icempel lil Farrugia pero` hu u Confalonieri ma rnexxilhomx jaqbduh. Bassily jghid li hu kien qal lil Confalonieri li kien ser ihalli z-Z *drives* hemmhekk, ghabba l-ghodda tieghu fil-karozza u telaq. Confalonieri jghid li hu ma kienx rah lill-konvenut jghabbi l-ghodda tieghu fil-*pick up* tieghu ghax hu lanqas kien hemm dak il-hin. Hu kien hallih warajh fejn il-boat.

“Jirrizulta li bejn il-partijiet dak in-nhar ma kienx hemm kommunikazzjoni effettiva minhabba l-lingwa. Il-Qorti hi tal-fehma li fil-fatt Confalonieri ma kienx fehem li l-konvenut ried jiehu l-*parts* fil-*workshop* tieghu u dan ma kien tah ebda ordni lil Bassily biex ihalli kollox warajh u jitlaq. Anzi jidher li meta Confalonieri telaq hu halla lil Bassily warajh bl-intiza li kellu jikkuntattja lil Farrugia biex jiftehmu x’xoghol *extra* kellu jsir.

“Imma anke kieku Confalonieri, ghall-grazzja ta’ l-argument, kien qal lil Bassily biex ma jkomplix, dana ma jfissirx li Bassily seta’ jaqbad jiehu l-ghodda tieghu, jitlaq u jhalli kollox warajh mitluq ma’ l-art. Haddiem diligenti anke jekk ma jkunx spicca mix-xoghol ghandu jiehu hsieb li jerga’ jqieghed l-affarijiet f’posthom u jara li dawn ikunu *safe* u mhux ihallihom esposti biex min irid jisraqhom. Bassily fic-cirkostanzi ta’ dana l-kaz ma adoperax d-diligenza ta’ missier tajjeb tal-familja. Hu kien beda x-xoghol u halla l-*parts* zarmati fl-art minghajr ma ha hsiebhom u minghajr sorveljanza.

“*Mentri r-responsabbilita` ta’ semplici depozitarju hija regolata mil-ligi bhala kaz ta’ depozitu salarjat, fil-lokazzjoni d’opera l-lokatur ikun qieghed joffri l-kapacita` tieghu u jassumi mpenn li jezegwixxi l-opra skond is-sengha, u huwa tenut ghal kull ma jsir mhux skond is-sengha; u jekk fl-esekuzzjoni ta’ l-impenn assunt huwa juri imperizija, huwa jaqa’ f’kolpa li tirrendih responsabbli ghad-danni li jidderivaw minn din l-imperizija. Vol 36C p 1 p 320*

“Ghalhekk lanqas dina l-eccezzjonji ma tista’ tintlaqa.

“**Relazzjoni guridika**

“Il-konvenut noe qed jeccepixxi li nkwantu d-domandi huma diretti kontra tieghu personalment dawn huma nsostenibbli billi s-socjeta` attrici qatt ma kkuntrattat mieghu personali izda mal-kumpanija.

“Illi dana huwa minnu izda dina r-rabta kuntrattwali ma teskludix id-danni naxxenti minn *culpa* jew dolus. Is-serq taz-Z *drives* u l-accessorji kien dovut ghal agir negligenti da parti tal-konvenut Bassily. Huwa tramite l-persuna li ghandha r-responsabbilita` biex tagixxi ghan-nom tal-kumpanija li l-kumpanija tigi kkundannata.

“**DANNI**

“L-atturi qed jitolbu s-somma ta’ Lm180 rapprezentanti depozitu akkont tal-prezz totali mitlub ghax-xogholijiet inkarigati. Dok A a fol. 6. Dan l-ammont hu dovut billi x-xoghol inkarigat ma sarx. Talbu ukoll Lm5.656.00 ghal *parts* u labour (ara fol. 28 sa 35). Dawn l-ammonti ma gewx kontestati. Ghalkemm kien hemm trattativi biex jintlahaq arrangament fuq l-ispiza tal-*parts*, l-ftehim ma sehhx billi l-konvenut ma kienx accetta responsabbilita`.

“**DECIZJONI**

“Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici u

“Tiddikjara illi l-konvenut noe naqas milli jadempixxi l-obbligi kuntrattwali tieghu skond il-ftehim bejn il-partijiet;

“Tikkundanna lill-konvenut noe sabiex jirrimborsa l-ammonti kollha lilu mhallsa mis-socjeta` attrici in konnessjoni ma’ l-inkarigu lilu moghti;

“Tiddikjara inoltre lill-konvenut noe responsabbli ghall-agir illi wassal ghas-serq ta’ diversi *parts* u accessorji minn fuq

l-opra tal-bahar tal-marka Cobalt *Cabin Cruiser* 28, di proprjeta` tas-socjeta` attrici;

"Tiddikjara lill-konvenut noe responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta` attrici bhala rizultat ta' l-inadempjenza kuntrattwali u l-agir grossolanament kolpuz ta' l-istess konvenut noe;

"Tillikwida d-danni hekk sofferti mis-socjeta` attrici fl-ammont ta' hamest elef tmien mija u sitta u tletin lira Maltin (Lm5,836);

"Tikkundanna lill-konvenut noe ihallas lis-socjeta` attrici tali danni hekk likwidati.

"Bl-imghax mid-data tas-sentenza u bl-ispejjez kontra l-konvenut noe.

"Il-konvenut proprio qed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju spejjez ghal konvenuti l-ohra."

**II. L-APPELL**

2. Is-socjeta` Power Centre Ltd. hassitha aggravata minn din is-sentenza u resqet appell quddiem din il-Qorti fl-20 ta' Frar 2004. Ghar-ragunijiet dettaljatament spjegati fl-istess rikors ta' l-appell taghha din is-socjeta appellanti talbet li din il-Qorti joghogobha tirriforma s-sentenza appellata billi:

"(a) tikkonfermaha in kwantu illiberat mill-osservanza tal-gudizzju lill-konvenut Nader Bassily fil-kapacita` tieghu personali; u

"(b) tirrevokaha in kwantu (i) iddikjarat illi s-socjeta` appellanti naqset milli tadempixxi l-obbligi kontrattwali taghha skond il-ftehim bejn il-partijiet; (ii) ikkundannat lis-socjeta` appellanti sabiex tirrimborsa l-ammonti kollha lilha mhallsa mis-socjeta` attrici in konnessjoni ma' l-inkarigu lilha moghti; (iii) iddikjarat lis-socjeta` appellanti responsabbli ghall-agir illi wasal ghas-serq ta' diversi parts u accessorji minn fuq l-opra tal-bahar di proprjeta` tas-socjeta` appellata; (iv) iddikjarat lis-socjeta` appellanti responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta`

appellata bhala rizultat ta' l-inadempjenza kuntrattwali u l-agir grossolanament kolpuz ta' l-istess socjeta` appellanti; (v) illikwidat id-danni hekk sofferti mis-socjeta` appellata fl-ammont ta' Lm5,836; u (vi) ikkundannat lis-socjeta` appellanti thallas lis-socjeta` appellata tali danni hekk likwidati, bl-imghax mid-data tas-sentenza u bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellanti; b'dana illi tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` appellanti u tichad it-talbiet kollha attrici, bl-ispejjez <u>kollha</u> taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellata."

3. Il-pretensjonijiet tas-socjeta` appellanti gew opposti fir-risposta ta' l-appell tas-socjeta` attrici li giet debitament prezentata quddiem din il-Qorti fil-15 ta' Marzu 2004. Ghar-ragunijiet spjegati fl-istess risposta ta' l-appell din is-socjeta` sostniet li s-sentenza appellata kienet wahda gusta u timmerita konferma u ghalhekk talbet li l-appell jigi michud u din is-sentenza appellata tigi konfermata fl-interezza taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` appellanti.

**<u>III. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

4. Is-socjeta` attrici appellata hija proprjetarja ta' *Cobalt Cabin Cruiser* ta' 28 pied attrezzata b'zewg magni li huma konnessi ma' zewg *Z-drives* tat-tip Mercruiser Alfa 1.81 imwahhlin mac-cappa ta' wara. Gara li s-socjeta` appellanti kienet giet inkarigata mis-socjeta` appellata biex taghmel xogholijiet ta' manutenzjoni ordinarja fuq din il-*Cabin Cruiser*, ezattament f'April tas-sena 2000. F'dak iz-zmien il-*Cabin Cruiser* kienet qeghdha tinzamm fuq l-art ezattament gewwa l-A&J Baldacchino *Boat Yard* fil-Manoel Island, il-Gzira. Dan ix-xoghol ta' manutenzjoni jkun mehtieg biex il-*Cabin Cruiser* tkun lesta biex tintuza fl-istagun tas-sajf. Il-kontendenti ftehemu li dan ix-xoghol ta' manutenzjoni jsir ghall-prezz ta' tliet mitt lira (Lm300) li minnhom mija u tmenin lira (Lm180) kienu ghal dawk il-partijiet li kellhom jinbidlu, waqt li r-rimanenti mija u ghoxrin lira (Lm120) kienu jirrapprezentaw il-hlas tax-xoghol necessarju biex issir l-istess manutenzjoni. Id-dettalji relattivi jidhru fid-dokumenti esebiti a fol. 6 u 7 tal-process minn fejn jirrizulta wkoll illi s-socjeta` appellata hallset depozitu ta' mija u tmenin lira (Lm180) biex b'hekk

kopriet l-ispejjez li s-socjeta` appellanti kellha taghmel biex tixtri l-*parts* li kienu se jintuzaw f'dan ix-xoghol ta' manutenzjoni. Ix-xoghol kellu jsir mis-socjeta` appellanti min-nhar it-Tnejn qabel l-Ghid il-Kbir ta' dik is-sena u kellu jigi kompletat fi zmien gimgha, jigifieri mis-17 ta' April sa l-24 ta' April 2000. Jirrizulta sodisfacentement ghal din il-Qorti li s-socjeta` appellanti esegwiet xoghol necessarju li kellu jsir fuq il-magni interni, u jirrizulta li s-socjeta` appellanti kien ghad baqghalha xi hames sieghat xoghol biex taghmel il-manutenzjoni fuq iz-*Z-Drives* esterni. Dan ix-xoghol kollu kien qieghed isir mill-konvenut Nader Bassily. Biex ilesti x-xoghol li kien baqa', dan il-konvenut mar fil-*Boat Yard* nhar il-Gimgha l-Kbira 21 ta' April filghodu u hemmhekk, meta zarma dawn iz-*Z-Drives* skopra li dawn kellhom hsarat li ma kienux previsti fl-istima originali li kienet harget is-socjeta` appellanti. Jirrizulta mid-dokument a fol. 142 tal-process li *bearings* ta' dawn iz-zewg *Z-Drives* kellhom bzonn jinbidlu bi spiza ta' sebgha u disghin lira (Lm97) ghall-*spare parts* u bi spiza ta' sittin lira (Lm60) ghax-xoghol necessarju biex jigu sostitwiti l-partijiet hziena b'dawk godda. Dan ix-xoghol ma setghax isir fuq il-post, izda kellu jsir fil-*workshop* tas-socjeta` appellanti.

5. F'dan l-istadju ta' min jipreciza li s-socjeta` appellata, proprjetarja tal-*Cabin Cruiser* in kwistjoni, hija amministrata minn Augusto Confalonieri u martu. Augusto Confalonieri ma jitkellimx bil-Malti u lanqas bl-Ingliz. Il-konvenut huwa Egizzjan u ma jitkellimx bit-Taljan, izda jitkellem bil-Malti u bl-Ingliz.

6. L-appalt inghata lis-socjeta` appellanti permezz ta' l-intervent dirett ta' John Farrugia. Dan John Farrugia kien jiehu hsieb il-*Cabin Cruiser* ghas-sinjuri Confalonieri. Fi kliemu stess (ara fol. 46) "jiena gieli wkoll soqtilhom il-lanca u tista' tghid li jiena l-i*skipper* taghhom". Diversi xhieda ndikaw lil dan John Farrugia bhala "l-iskipper" tal-lanca. Skond il-*Compact Oxford English Dictionary, edition* 2003, in-nom "skipper" jindika "the captain of a ship, boat or aircraft".

7. Il-kwistjoni kollha li tat lok ghal din il-kawza twieldet minn dak li gara fil-21 ta' April 2000 cioe` fil-Gimgha l-Kbira meta, kif rajna, il-konvenut Bassily qala' minn posthom iz-*Z-Drives* u skopra li kellhom xi sadid u *corrosion* u li kien hemm bzonn jinbiddlu zewg *bearings*. Skond il-konvenut, huwa prova jcempel lil John Farrugia biex jghidlu dwar dak li kien sab izda ma rnexxielux jaqbdu. Ghalhekk iddecieda li jkompli jzarma *Z Drives* minn posthom biex jehodhom mieghu fil-*workshop* tieghu biex imbaghad jikkontattja lil John Farrugia, jurih x'sab fihom u jiddeciedi x'kellu jsir. Sadattant wasal fuq il-post Augusto Confalonieri u l-konvenut ipprova jispjegalu x'kien hemm bzonn isir. Peress li ma setghux jiftehemu b'lingwa komuni beda jaghmillu sinjali b'rasu u b'idejh u tah x'jifhem li ser icempel lil John Farrugia biex ikunu jistghu jiftehemu. Meta ma rnexxielux jaghmel dan huwa qal lil Confalonieri li kien se jiehu z-*Z-Drives* l-*workshop*, izda mis-sinjali li beda jaghmillu Confalonieri huwa fehem li kellu jitlaq kollox fejn kien u ma jmissx xejn sakemm jitkellem ma' Farrugia. Il-konvenut jghid li fil-prezenza ta' Confalonieri huwa pogga z-*Z-Drives* taht il-lanca sabiex ma jhallihomx fin-nofs, gabar l-ghodda tieghu, sellimlu u telaq. Confalonieri ma qabilx ma' din il-verzjoni tal-konvenut. Huwa xehed li kien induna li l-konvenut Bassily kien sab problema izda ma tantx setghu jifhmu lil xulxin. Ghalhekk Confalonieri telaq mill-*Boat yard* u wara ghamel kuntatt ma' John Farrugia u qallu biex jinzel fuq il-post biex ikellem lill-konvenut Bassily dwar ix-xoghol jew il-*parts* li kienet tehtieg il-lanca.

8. Fi kliem iehor, hemm konflitt serju fil-provi dwar dak li verament sehh bejn il-konvenut Bassily u Augusto Confalonieri dak inhar fil-*Boat yard* ta' Baldacchino. Mill-banda wahda, Bassily jghid li hu ried jittrasporta z-*Z-Drives* lejn il-*workshop* tieghu biex imbaghad jurihom lil John Farrugia u jara jiftehimx mieghu fuq ix-xoghol li kien hemm bzonn isir kif ukoll fuq il-prezz. Bassily insista hafna li mis-sinjal li ghamillu Confalonieri huwa fehem li z-*Z-Drives* kellu jhallihom hemmhekk u cioe` ma jehodhomx fil-*workshop* tieghu. Min-naha l-ohra, Confalonieri jghid li hemmhekk dam ftit minuti biss u halla lill-konvenut Bassily warajh bl-intiza li hu kellu jikkuntattja lil Farrugia biex

jiftehemu x’xoghol extra kellu jsir. Il-fatt determinanti li ta lok lil din il-kawza bazikament jikkoncerna s-serq ta’ dawn iz-zewg Z-Drives mill-*Boat yard* ta’ Baldacchino. Is-socjeta` attrici, issa appellata, tattribwixxi r-responsabbilita` tal-konvenut Bassily personalment u lis-socjeta` appellanti, li ghaliha kien qieghed jahdem.

9. Fil-fehema ta’ din il-Qorti dan il-konflitt fil-provi imsemmi fil-paragrafu precedenti mhux daqshekk determinanti ghas-soluzzjoni gusta tal-kawza odjerna. Dan ghaliex, gara x’gara f’dik il-gurnata tal-Gimgha, 21 ta’ April, l-ghada, s-Sibt 22 ta’ April irrizulta minghajr ebda ombra ta’ dubju li z-*Z-Drives* kienu ghadhom fejn hallihom il-konvenut Bassily cioe` taht il-lanca. Dana jirrizulta car mix-xiehda ta’ l-istess John Farrugia, li kien jiehu hsieb il-lanca. Huwa xehed hekk a fol. 46 u 47 tal-process:

“Nhar il-Gimgha 22 [recte: 21] ta’ April 2000, is-Sur Confalonieri cempilli biex immur nittawwal ftit ix-xoghol li kien qed isir fuq il-lanca il-Manoel Island. Is-Sur Confalonieri qalli li kien ghadu kif mar jittawwal hu stess, u milli seta’ jifhem minn dak li kien qallu Nader Bassily, il-mekkanik riedni nikkuntattjah biex ikellimni dwar xi xoghol iehor li kienet tirrikjedi l-lanca.

“Jien ma stajt ninzel fuq il-post dakinhar stess, u ghalhekk ghaddejt l-ghada, is-Sibt 22 ta’ April 2000 fil-ghodu, izda ma kien hemm hadd mill-Power Centre Limited jahdem fuq il-lanca dak il-hin. Innotajt pero`, illi ghalkemm il-mekkanik kien diga` zarma z-Z-Drives tal-lanca, dawn kien hallihom fl-art ghall-apert minflok ma sakkarhom fil-*container* li hemm apposta ghall-magazzinagg tal-*parts* tal-lanca. Jien irrabjajt meta rajt hekk, ghax iz-Z-Drives setghu facilment jinsterqu minn fuq il-post u fil-fatt, is-Sibt filghaxija, ippruvajt nikkuntattja l-Power Centre Limited dwar dan. Min wiegeb qalli li dak il-hin, Nader Bassily ma kienx qieghed il-hanut, u ghalhekk, cempiltlu d-dar u hallejtlu messagg fuq l-*answering machine*. Pero`, dan baqa’ ma cempillix lura.

“Ghalhekk, it-Tnejn ta’ wara, l-ewwel xoghol fil-ghodu, mort dritt il-hanut ta’ Power Centre Limited il-Fgura, kienu ghall-habta tat-8.00a.m. u hemmhekk, sibt li Nader

Bassily kien ghadu ma dahalx ghax-xoghol, u ghalhekk kellimt lill-persuna li kien hemm fil-hanut, li kien fil-fatt il-kugin ta' Bassily, u ghidtlu illi kont irrabjat ghax Bassily kien halla Z-drives fl-art. Ftit minuti wara, wasal Bassily stess u kellimtu personalment. Ghidtlu biex imur immedjatament jerfa' l-*parts* tal-lanca u jehodhom f'post safe, kif suppost."

10. Il-kwistjoni principali li tikkoncerna l-kawza odjerna, tinvolvi d-determinazzjoni ta' min huwa legalment responsabbli ghall-ghibien, jew ahjar is-serq, ta' dawn iz-zewg *Z-Drives* mill-*Boat Yard* ta' Baldacchino f'Manoel Island, il-Gzira. Irrizulta li dawn iz-*Z-Drives* insterqu minn hemmhekk f'xi zmien bejn is-Sibt 22 ta' April (wara li l-imsemmi John Farrugia rahom hemmhekk) u t-Tnejn 24 ta' April. Is-socjeta` attrici qeghdha tippretendi li s-socjeta` konvenuta kif ukoll il-konvenut personalment huma responsabbli ghad-danni konsengwenzjali li sofriet is-socjeta` attrici minhabba dan is-serq, liema pretensjoni qed tigi michuda assidwament mill-istess konvenuti. Kif rajna, is-sentenza appellata, abbraccjat bazikament it-tezi tas-socjeta` attrici, ghaliex wara li lliberat mill-osservanza tal-gudizzju lill-konvenut Bassilys, kif imharrek personalment, bazikament laqghet it-talbiet ta' din is-socjeta` attrici u kkundannat lis-socjeta` konvenuta issa appellanti li thallas lis-socjeta` appellata s-somma ta' hamest elef, tmien mija u sitta u tletin lira (Lm5,836) ghar-rizarciment tad-danni li hija sofriet.

11. Il-Qorti sejra issa tghaddi biex tezamina l-aggravji li s-socjeta` appellanti resqet fil-konfront tas-sentenza appellata. Madanakollu, qabel ma taghmel hekk din il-Qorti ghandha tirrileva li s-socjeta` appellata ma resqet ebda appell incidentali dwar id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti li tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-konvenut in kwantu dan gie mharrek fil-vesti tieghu personali. Ghalhekk din il-parti tas-sentenza ghaddiet in gudikat.

12. L-ewwel aggravju tas-socjeta` appellanti bazikament jikkritika c-cahda li ghamlet l-ewwel Qorti tar-raba' eccezzjoni tas-socjeta` appellanti. Premessa bazilari fl-att tac-citazzjoni hija dik maghmula mis-socjeta` attrici li fiha

allegat li s-serq taz-zewg *Z-Drives* sehh "waqt li l-opra tal-bahar relattiva kienet tinsab fil-pussess u kontroll effettiv ta' l-istess konvenut *proprio et nomine*". Bir-raba' eccezzjoni tieghu l-konvenut *proprio et nomine* eccepixxa li l-opra tal-bahar imsemmija qatt ma kienet fil-pussess jew kontroll effettiv tieghu, kif qeghda tippretendi s-socjeta` attrici u kwindi l-eccipjenti ma ghandhom l-ebda responsabbilita` ghas-serq allegat mis-socjeta` attrici u lanqas ghal kull dannu konsegwenzjali. Wara li l-ewwel Qorti ghamlet xi accenn ghall-provi hija kkonkludiet hekk:
"Ghalkemm il-lanca kienet qed tinzamm fil-*Boat Yard* kien hemm perjodu meta l-lanca giet f'idejn u fil-kontroll shih u effettiv tal-konvenut u dan meta beda jahdem fuqha u zarma l-*parts*. Ghalhekk f'dak il-perjodu, meta hu kien qed jahdem fuq il-lanca, ir-responsabbilita` ghal-lanca ghaddiet f'idejh u mhux aktar fuq Baldacchino jew l-atturi.

"Ghalhekk l-eccezzjoni f'dan is-sens ma tistax tintlaqa'."

13. Is-socjeta` appellanti qeghda ssostni f'dana l-aggravju li l-provi juru bic-car li hija qatt ma hadet iz-*Z-Drives* in kwistjoni fil-pussess u l-kustodja taghha. Din il-Qorti jidhrilha li dana l-aggravju huwa gustifikat ghaliex irrizulta li z-*Z-Drives* in kwistjoni nsterqu minn fejn hallihom il-konvenut Bassily cioe` taht il-lanca fil-*Boat Yard* ta' Baldacchino. Iz-*Z-Drives* insterqu meta dawn kienu taht il-kustodja ta' Baldacchino *Boat Yard*. Bir-rispett kollu dovut lejn l-ewwel Qorti, din il-Qorti ma tifhimx kif l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li fil-perjodu kollu ta' l-appalt ir-responsabbilita` ghal-lanca ghaddiet f'idejn din is-socjeta` u ma baqghetx aktar fuq Baldacchino jew fuq l-atturi. Din l-asserzjoni kienet tkun wahda korretta u gusta li kieku rrizulta li l-lanca jew il-parts li nsterqu cioe` z-*Z-Drives* ittiehdu mill-imsemmija *Boat Yard* u minn hemmhekk tpoggew f'xi fond li kien jaqa' taht ir-responsabbilita` tas-socjeta` appellanti. Ghall-kuntrarju, l-provi juru li l-lanca ma ccaqilqitx minn postha fl-imsemmija *Boat Yard* u z-*Z-Drives* in kwistjoni, li kien qala' l-konvenut Bassily u pogga taht l-istess lanca, insterqu precizament minn hemm, cioe` mill-*Boat Yard* imsemmija. Kif sewwa targumenta s-socjeta` appellanti, a bazi tar-ragunament ta' l-ewwel Qorti, kien ikun logiku li fl-ipotesi li l-*Boat* kollha

kemm hi tigi nieqsa, riedet ukoll twiegeb is-socjeta` appellanti ghal dan in-nuqqas.

14. Jista' jkun li l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni taghha fuq imsemmija ghaliex hija assumiet li galadarba l-konvenut Bassily qala' z-*Z-Drives* minn mal-lanca, b'daqshekk huwa kien ha l-kontroll u l-kustodja taghhom *nonostante* li huwa ma hadhomx fil-pussess materjali tieghu izda hallihom maqlughin taht il-lanca kif din kienet kustodita fil-*Boat Yard* ta' Baldacchino. Madanakollu, din il-Qorti ma tistax taccetta li l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti f'dan is-sens kienet korretta ghaliex dak li assumiet l-ewwel Qorti huwa dijametrikament oppost ghal dak li verament gara u cioe` li z-*Z-Drives* baqghu fil-*Boat Yard* ta' Baldacchino, *sia pure* maqlughin minn posthom minn mal-lanca.

15. Is-socjeta` appellanti, biex issahhah dan l-ewwel aggravju taghha rrimarkat li l-ewwel Qorti ddecidiet hazin fuq il-fatti li kellha quddiemha u ghamlet apprezzament skorrett u valutazzjoni zbaljata ta' l-istess provi. Is-socjeta` appellanti accennat ghall-konflitt fil-provi u precizament bejn ix-xiehda tal-konvenut Bassily u tax-xhud Confalonieri u argumentat li x-xhieda ta' dan ta' l-ahhar m'hijiex attendibbli. Is-socjeta` appellanti rrimarkat ukoll illi n-nuqqas ta' attendibbilita` tax-xiehda ta' Confalonieri hija materjali f'din il-kawza, billi fuqha jinbnew il-provi tas-socjeta` attrici. Is-socjeta` appellanti taghmel din l-istess lanjanza fit-tieni aggravju taghha, li sejjer jissemma' minn hawn u ftit iehor, u ghalhekk din il-Qorti sejra titratta din il-kwistjoni waqt li hija tkun qeghdha titratta u tiddeciedi dwar l-imsemmi tieni aggravju.

16. F'dana t-tieni aggravju s-socjeta` appellanti ghamlet accenn ghall-provi akkwiziti fil-process u llanjat li l-ewwel Qorti tat interpretazzjoni hazina u ghamlet apprezzament zbaljat tal-ligi in materja fl-isfond ta' l-istess provi. Is-socjeta` appellanti ghamlet referenza ghall-Artikolu 1031 u 1032 tal-Kodici Civili li rispettivament jiddisponu hekk:

"**1031**. Kull wiehed ihallas ghall-hsara li tigri bi htija tieghu.

"**1032**. Jitqies fil-htija kull min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb. Hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi, ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fi grad akbar."

Hawnhekk is-socjeta` appellanti rriferiet ghall-provi u cioe` senjatament ghax-xiehda tal-konvenut Bassily fejn dana wera l-intenzjoni tieghu li jittrasporta z-*Z-Drives* li kien ghadu kif qala' minn mal-lanca ghall-*workshop* tas-socjeta` appellanti sabiex hemmhekk isirilhom ix-xoghol li jirrizulta necessarju wara li jigu spezzjonati mill-i*skipper* John Farrugia. Bassily xehed li Augusto Confalonieri waqqfu milli jaghmel dan u cioe` jiehu pussess tal-*parts* in kwistjoni u baqa' jinsisti li qabel xejn ikellem lill-i*skipper* tieghu ghalhekk is-socjeta` appellanti ssottomettiet li Confalonieri baqa' responsabbli hu biex jikkustodjhom skond il-ligi.

17. Kif diga` gie accennat aktar qabel f'din is-sentenza hemm konflitt fil-provi fuq ezattament x'gara (inkluza s-sekwenza ta' dak li gara) nhar il-Gimgha l-Kbira fl-inkontru bejn Bassily u Confalonieri. L-ewwel Qorti ghamlet anke konfront bejn dawn iz-zewg xhieda u fl-ahhar mill-ahhar jidher li accettat il-verzjoni ta' Confalonieri bhala aktar kredibbli. Madanakollu, din il-Qorti tinnota li l-ewwel Qorti ma tat l-ebda raguni sodisfacenti ghaliex waslet ghal din il-konkluzjoni. Normalment din il-Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi *a meno che*` ma jkunx hemm raguni gravi hafna biex taghmel hekk. Issa fil-kaz odjern, din il-Qorti, wara li hasbet hafna fuq dan il-kaz u fuq il-provi akkwiziti fil-process, jidhrilha li kontrarjament ghal dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti, il-verzjoni ta' Bassily tidher pjuttost aktar attendibbli mill-verzjoni ta' Confalonieri. Dan ghaliex, kif sewwa rrimarkat is-socjeta` appellanti waqt li kienet qeghda tikkumenta fl-ewwel aggravju taghha, meta l-ewwel Qorti ghamlet il-konfront bejn Bassily u Confalonieri, l-istess Confalonieri biddel xi ftit il-verzjoni tieghu. Fil-bidu Confalonieri qal li mhux veru li saru t-telefonati lill-i*skipper* John Farrugia, izda meta gie ssikkat

fil-kontro-ezami accetta li fil-verita` kien ipprova jikkuntattja lill-i*skipper* fil-jum in kwistjoni meta kien akkumpanjat minn Bassily. Inoltre din il-Qorti jidhrilha li l-verzjoni ta' Bassily tidher aktar verosimili minn dik ta' Confalonieri ghaliex Bassily kellu kull interess li jitrasporta immedjatament dawk iz-*Z-Drives* fil-*workshop* tieghu biex b'hekk ikollu opportunita` akbar li jakkwista din il-bicca xoghol addizzjonali tal-bdil tal-*parts* difettuzi fihom. Infatti, dwar dawn il-*parts* u x-xoghol neccessarju huwa lahaq hareg stima li kien ghaddiha lil John Farrugia t-Tnejn ta' wara.

18. Fi kwalunkwe kaz, kif diga` din il-Qorti qalet, dan il-konflitt fil-provi mhux daqshekk determinanti ghal soluzzjoni gusta tal-kwistjoni. Dana ghaliex jirrizulta minghajr ebda ombra ta' dubju li almenu sas-Sibt ta' wara filghodu, iz-*Z-Drives* <u>kienu ghadhom fil-post preciz fejn hallihom Bassily</u> u cioe` taht il-lanca in kwistjoni kif kienet kustodita fil-*Boat Yard* ta' Baldacchino. Irrizulta li meta Confalonieri nforma lill-i*skipper* John Farrugia bil-problema li sab Bassily meta qala' u spezzjona z-*Z-Drives*, Farrugia mar fil-*Boat Yard* u ra l-*parts* taht il-lanca. Fl-avvidavit tieghu a fol. 47, Farrugia jghid illi rrabja meta ra li Bassily kien hallihom fl-art ghall-apert minflok ma sakkarhom fil-*container* li hemm apposta ghall-maggazzinagg tal-*parts* tal-lanca. Huwa sahaq li rrabja meta ra hekk ghax iz-*Z-Drives* setghu facilment jinsterqu minn fuq il-post. Din il-Qorti ma tistax ma tikkummentax li ladarba dan ix-xhud kien pjenament konsapevoli li z-*Z-Drives* setghu facilment jinsterqu minn fuq il-post, l-istess xhud ma kellux jillimita r-reazzjoni tieghu sempliciment billi jirrabja, izda kellu jiehu azzjoni pozittiva biex dak li haseb li seta' facilment jigri, ma jithalliex jigri. Dan ghaliex huwa ma kienx xi spettatur irrilevanti ghal din il-kwistjoni, izda kien proprju l-bniedem li kien jiehu hsieb il-lanca, u kien proprju huwa li kien ta l-inkarigu lil Bassily. Kien ukoll il-bniedem li jaghmilha ta' intermedjarju bejniethom ghaliex Confalonieri u Bassily qatt ma setghu jiftehemu bejniethom minhabba l-kwistjoni tal-lingwa. F'dawn ic-cirkostanzi kien mistenni minn Farrugia li jara kif jaghmel biex l-istess *Z-Drives* idahalhom fil-*container* li semma' fix-xhieda tieghu. Mhux talli m'ghamel xejn minn dan izda

huwa telaq minn fuq il-post, halla sa filghaxija biex jipprova jikkuntattja lil Bassily u meta ma sabux ikkuntenta ruhu billi hallielu messagg fuq l-*answering machine*. Kompla jghid illi dan ma cempillux lura. Farrugia halla l-Hadd kollu jghaddi u t-Tnejn filghodu mar dritt fil-hanut ta' Bassily u qallu biex imur immedjatament jerfa' l-*parts* tal-lanca u jehodhom f'post *safe* kif suppost.

19. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, is-serq taz-*Z-Drives* in kwistjoni ma kenitx issehh li kieku John Farrugia mexa b'aktar prudenza u diligenza. Wiehed ma jridx jinsa li dan John Farrugia ma kien xejn ghajr il-"lunga mano" tas-sidien tal-lanca, fdat minnhom biex jiehu hsieb l-interessi taghhom. Jirrizulta sodisfacentement ghal din il-Qorti li huwa mexa b'certa *non curanza* meta ra li *z-Z-Drives* setghu facilment jinsterqu minn fuq il-post u huwa m'ghamel xejn pozittiv biex jimpedixxi li dan isir. Kien mistenni minnu li huwa juza prudenza ta' missier tajjeb ta' familja ghaliex irrizulta sodisfacentement lil din il-Qorti li huwa kien gie nkarigat biex jiehu hsieb il-lanca in kwistjoni, u s-sidien tal-*Cabin Cruiser* kellhom fiducja fil-hila u l-pariri tieghu bhala *skipper*. X'aktarx li l-istess doveri kienu jinkonbu fuq il-proprjetarju tal- *Boat yard*, li xehed (ara fol. 50 sa 51 tal-process) li kien ra l-"parts", zarmati fl-art fejn il-lanca. Wiehed jistaqsi jekk huwa jaf li "mhux sew li parts zarmati jithallew jigru barra minghajr sorveljanza" – ghaliex ma ghamel xejn konkret biex jipprotegi l-interessi tas-sidien tal-lanca li kienu qeghdin ihallsuh proprju biex ihares l-interessi taghhom. Dawna l-aspetti tal-kawza gew traskurati ghal kollox mill-ewwel Qorti meta, fil-fehma ta' din il-Qorti keinu aspetti relevantissimi ghas-soluzzjoni gusta tal-vertenza.

20. Illi ghalhekk, fil-fehema konsiderata ta' din il-Qorti anke t-tieni aggravju tas-socjeta` appellanti huwa gustifikat. Ladarba waslet ghal din il-konkluzjoni, din il-Qorti jidhrilha inoltre li s-socjeta` appellanti m'ghandha l-ebda responsabbilita` ghas-serq allegat mis-socjeta` attrici u lanqas ghal kull dannu konsegwenzjali. Ghalhekk ukoll din il-Qorti m'hijiex sejra tidhol fit-tielet aggravju li jillanja dwar il-*quantum* tad-danni likwidati mill-ewwel Qorti.

21. L-ewwel u t-tieni talba tas-socjeta` attrici jallegaw li s-socjeta` appellanti naqset li tadempixxi l-obbligu kontrattwali taghha skond il-ftehim, billi m'affetwatx ix-xogholijiet kollha necessarji, u li ghamlet xoghol hazin u mhux skond l-arti u s-sengha fuq il-*Cabin Cruiser* in kwistjoni. Is-socjeta` attrici qeghdha titlob dikjarazzjoni lill-Qorti f'dan is-sens kif ukoll li s-socjeta` appellanti tigi kkundannata sabiex tirrimborza l-ammonti kollha li hija hallset lis-socjeta` appellanti in konnessjoni ma' l-inkarigu moghti lilha.

22. Jirrizulta mill-provi li s-socjeta` appellanti lahqet ghamlet il-bicca l-kbira tax-xogholijiet li kellha taghmel u kull ma kien jonqosha taghmel kien xi hames (5) sieghat xoghol fuq iz-*Z-Drives*. Ma jirrizultax pruvat li ghal dan ix-xoghol li lahqet ghamlet is-socjeta` appellanti ma kienx jisthoqqilha l-hlas li sarilha u cioe` il-mija u tmenin lira (Lm180) kienu thallsu akkont tal-prezz. Konsegwentament lanqas dawn iz-zewg talbiet tas-socjeta` attrici ma huma gustifikati.

23. Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu illiberat mill-osservanza tal-gudizzju lill-konvenut Nader Bassily fil-kapacita` tieghu personali u tirrevokaha ghall-kumplament u ghalhekk tichad it-talbiet kollha kontenuti fl-att tac-citazzjoni.

L-ispejjez kemm ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' din it-tieni istanza jibqghu kollha kemm huma a karigu tas-socjeta` attrici appellata Patchery Shipping Ltd.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------